# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 116/2009

## tat-22 ta' Ottubru 2009

## li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 [1].

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkumplementa r-Rakkomandazzjonijiet Nru 2004/913/KE u Nru 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 15 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/162/KE) tal-Anness XXII tal-Ftehim:

'15a. **32009 H 0385**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkumplementa r-Rakkomandazzjonijiet Nru 2004/913/KE u Nru 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 28)'.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Rakkkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-23 ta' Ottubru 2009, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

[1] ĠU L 304, 19.11.2009, p. 23.
[2] ĠU L 120, 15.5.2009, p. 28.
(*) Ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.